# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

Nru. 118 ĠUNJU, 1949. Nru. 118


## Żieda fil-Ħalib u Laħam

**MIN mar il-Fiera li saret l-Għammieri, ra b'għajnejh stess il-ġmiel ta' baqar u gniedes li nġarru bl-ajru mill-Ingilterra. Il-Gvern ma ġiebx f'Malta dawn il-baqar u l-gniedes għall-ġmiel tagħhom biss, iżda kien qed iħares fil-bogħod, biex b'dawn il-bhejjem itaffi n-nuqqasijiet ta' ħalib u laħam.**

Hija l-fehma ta' l-akbar xjenzjati illi l-ħalib frisk jieħu post ewlieni fis-saħħa tal-bniedem u jagħti wieħed mill-ikel l-aktar meħtieġ li hawn fid-dinja. Għalkemm kull ħalib ieħor li jiġi impurtat taħt għamla ta' trab jew fil-bottijiet huwa tajjeb, il-ħalib frisk huwa essenzjali għat-trabi, tfal żgħar, għan-nisa li jkunu ser isiru ommijiet u għall-morda. Minn dan naraw l-importanza tassew kbira taż-żjieda fil-produzzjoni tal-ħalib frisk.

Il-baqar tal-ħalib li għandna hawn Malta ma jagħtux ħlief madwar gallun u kwart ta' ħalib kuljum ma' tul is-sena kollha. Din il-kwantità ta' ħalib li nieħdu mill-baqar tagħna ma tistax tħalli profitt, u kien minħabba f'hekk li d-Dipartiment tal-Biedja iddeċieda li jġib mill-Ingilterra dawn il-baqar u l-gniedes. Il-Gvern għażel l-aħjar tliet razez ippruvati, li qegħdin jiġu mrobbija fl-Ingilterra, u li huma mfaħħra u msemmija mad-dinja kollha.

Dawn it-tliet razez huma l-**Ayreshire, il-British Friesians** u x-**Short-horns.** Ir-razez li minnhom ġejjin dawn il-baqar, jagħtu kollha 'l fuq mill-1,000 gallun ħalib fis-sena u ħafna minnhom ilaħħqu l-2,000 gallun.

Il-ħsieb ewlieni li għalih id-Dipartiment tal-Biedja ġieb il-gniedes hu dak li jżomm ir-razza pura u fl-istess ħin ikunu jistgħu jitgħammru minn dawn il-gniedes, il-baqar li għandna, sabiex b'daqshekk jitjieb in-nisel u tiżdied il-produzzjoni tal-ħalib.

**Huwa mistenni li meta l-baqar li għandna jitħalltu mal-gniedes Ingliżi jkun hemm żjieda ta' 200 sa 300 gallun ħalib fl-ewwel ġenerazzjoni u din il-produzzjoni ikbar tkompli tiżdied fil-ġenerazzjonijiet ta' wara. Dak il-bidwi li jnissel minn dawn il-gniedes jibda jkollu qliegħ akbar.**

Minn dan nintebħu li l-bidwi tagħna meta jnissel minn dawn il-gniedes Ingliżi jkun qed irawwem baqar li jibdew jagħtuh 250 gallun ħalib aktar mill-baqar li għandu bħalissa u din iż-żjieda ta' ħalib, jekk iġġiblu 4s. kull gallun, jiġbor minnha £50 aktar fis-sena.

Ir-razza **Ayreshire** — Hija l-opinjoni ta' ħafna esperti li dawn il-ba-

*(Ikompli fil-faċċ. 2)*

### L-IMNARJA

**L-akbar Festa tal-Biedja Maltija li ssir fil-Buskett kull sena mis-Soċjetà Agrarja ta' Malta, din is-sena sejra tkun akbar missoltu. Fil-ġonna pittoreski tal-Buskett, taħt is-siġar taċ-ċipress, tal-ħarrub u taż-żebbuġ, ikun hemm l-aħjar u l-isbaħ frottijiet u prodotti li ħafna minnhom jiġu l-ħila tal-bidwi Malti u ta' l-industrijalisti tagħna. Is-sena l-oħra kienet waħda mill-kbar, b'serbut ta' nies u karrozzi mimlija bin-nies, kulħadd jitpaxxa bil-ġmiel ta' dawk l-imkejjen u ta' l-oġġetti li kien hemm għall-Wirja. Il-festa tibda fit-28 ta' Ġunju wara nofs in-nhar u tibqa' sejra, tista' tgħid il-lejl kollu, salgħada filgħodu, nhar l-Imnarja.**

**Il-ġibda lejn l-Imnarja hija filqalb tal-poplu Malti billi dan il-jum ifakkarna fil-ħlewwa u l-benna ta' l-imgħoddi, meta Malta kellha xejra akbar lejn l-għasel u l-ward.**

## IL-BALLUTA DEJJEM HADRA

*(K. Vella Haber)*

**FIL-GŻEJJER tagħna jinsabu 25 ġnien pubbliku u mxietel mifruxin fuq medda ta' 460 tomna art u sabiex dawn il-postijiet ta' ġmiel u rikreazzjoni jinżammu sbieħ u ndaf hija meħtieġa somma ta' madwar £29,000 fis-sena. B'danakollu kulħadd jifhem illi l-pajjiż għadu nieqes ħafna mis-siġar.**

Is-siġar fuq art mogħxa, fuq blat, fil-ġonna, fit-toroq u f'kull post ieħor fejn jistgħu jitgawdew mill-pubbliku għandhom importanza kbira ħafna u ma hemmx għalfejn wieħed joqgħod ifissirha. Huwa fatt li pajjiżna jeħtieġ iżjed u iżjed siġar—siġar li jserrħulek għajnejk, siġar li jżejnu l-pajjiż, li jagħtuh dehra ġdida li tilqgħek.

Sabiex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas, id-Dipartiment tal-Biedja ħa ħsieb sabex jara jiksibx xi għajnuna mill-Colonial Development and Welfare Fund, billi huwa maħsub li jkunu jinħtieġu madwar £20,000 ħalli l-art mogħxa li għandna tkun tista' timtela bis-siġar taż-żebbuġ, siġar tal-ħarrub, siġar tal-Ballut u siġar koniferi.

Fost is-siġar l-aktar adattati għall-ħsieb li qegħdin insemmu, neħħi l-koniferi, is-siġar tal-balluta dejjem ħadra huma l-isbaħ u jirbħu l-ewwel post.

Il-balluta hija mnissla mix-xtut tal-Mediterran u tirnexxi wisq f'postijiet qrib ix-xtut li ma jkunux milħuqin mir-raxx mielaħ tal-baħar. Dawn is-siġar tal-ballut huma tassew addattati għal pajjiżna u m'hemmx dubju li jsebbħu ħafna d-dehra ġenerali ta' artna.

Din is-siġra tipproduċi ħafna frieghi u għadd bla tmiem ta' weraq aħdar li jista' jkun ta' ħafna varjetajiet. Il-weraq ikun ta' lewn aħdar karg, tagħti ħafna dell u minnha toħroġ rieħa qawwija tajba ħafna għas-saħħa u li tistiednek taħli ftit tal-mistrieħ taħt il-friegħi kotrana ta' din is-siġra dejjem ħadra.

Il-balluta tista' wkoll tiġi mħawla f'xi ġnejna u jekk tiġi miżbura b'sengħa kbira tista' wkoll tissawwar f'għamla sabiħa u ta' tiżjin akbar. Titnissel miż-żerriegħa li minnha s-siġra tipproduċi ħafna ma' tul s-sajf.

Il-balluta dejjem ħadra hija waħda minn dawk is-siġar li l-Gvern tagħna, bilgħaqal kollu ħaseb biex iġib f'Malta u jżejjen biha d-dehra mistmerra u niexfa ta' gżiritna.

